Minuti tal-Laqgħa nru 51 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis, 6 ta' Jannar 2011 fis-7.00 p.m.

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsillieri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa l-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.30 | 9.20 |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.15 | 9.20 |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.00 | 9.20 |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.25 | 9.20 |
| Kunsillier Dr Shirley Farrugia | 7.10 | 9.20 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.10 | 9.20 |
| Kunsillier Paul Agius | 6.45 | 9.20 |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.35 | 9.20 |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.25 | 9.20 |
| Kunsillier David Meilak | 7.00 | 9.20 |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.00 | 9.20 |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Noel Cini kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

1.01 Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi ta merħba lill-Kunsillier David Meilak li kien elett permezz ta' elezzjoni każwali, u awgura li jaħdem flimkien mal-kunsill għal ġid tal-lokal.

1.02 Wara s-Sindku għadda għall-approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa numru 48 li kienet saret fil-21 ta' Ottubru 2010.

1.03 Il-Kunsillier Demartino rrefera għal paragrafu 11.12 u qal li jidher li hemm nieqes il-post fejn kien qed ikun propost li jsir il-culvert. Is-Sindku qal li dan il-culvert kellu jsir fi Triq l-Antinni stess, u li għalhekk l-isem nieqes kellu jkun Triq l-Antinni. Dawn il-minuti ġew approvati kif miżjuda.

1.04 Is-Sindku għadda għall-approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa 49 li kienet saret fit-28 ta' Ottubru 2010, u minħabba li ma kienx hemm tibdil, dawn ġew approvati kif preżentati.

1.05 Is-Sindku mbagħad għadda għall-approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa numru 50 li kienet saret fit-2 ta' Diċembru 2010.

1.06 Il-Kunsillier Demartino qal li jixtieq li ssir emenda f' paragrafu 1.02 fil-linja ta' qabel ta' l-aħħar fejn il-kelma "il-Mosta", kellha titneħħa u wara l-kelma Mostin jidħlu l-kliem "li kien jirrappreżenta s-Sur John Mary Camilleri". Kien hemm qbil dwar din l-emenda.

1.07 Il-Kunsillier Agius qal li paragrafu 1.05 kellu jitħassar għax dan sar wara li l-laqgħa kienet ġiet aġġornata minħabba li ma kienx għad fadal kworum, u li jekk is-Sindku kien jidhirlu li r-raġuni tal-Kunsiller Agius ma kelliex tiġi aċċettata din kellha tkun deċiżjoni meħuda mill-Kunsill kollu.

1.08 Il-Kunsillier Demartino qal li sa fejn kien jaf hu, il-Kunsill kien jaċċetta r-raġuni tal-Kunsillieri, u staqsa għaliex ir-raġuni tal-Kunsillier Agius ma kellhiex tiġi aċċettata. Hawnhekk is-Sindku talab lill-Kunsillier Agius sabiex jgħid għaliex kien qed jitlob li jiġi skużat. Il-Kunsillier Agius qal li kien qed jitlob li jiġi skużat minħabba li kellu attakk ta' diarrhea (imsarnu). Hawnhekk il-Kunsill aċċetta r-raġuni tal-Kunsillier Agius, u wara l-minuti ġew approvati wkoll.

1.09 Wara dan il-Kunsill qabel li tintbagħat kopja tal-memo 108/2010, sabiex kulħadd ikun jaf il-proċedura ta' kif wieħed kellu jitlob li jiġi skużat milli jattendi xi laqgħa tal-Kunsill.

**2.00 Tagħrif mill-Minuti**

2.01 Il-Kunsillier Farruġia talbet sabiex f'xi seduta oħra jinġiebu l-pagamenti li kienu saru b' konnessjoni max-xogħol li kien sar fi Triq l-Antinni u Triq il-Wied. Talbet li dan kellu jkun item fuq l-aġenda tal-Kunsill.

**3.00 Korrispondenza**

3.01 Giet preżentata lista ta' 26 ittra/email – liema lista tqassmet ukoll lill-Kunsillieri kollha. Inqraw l-ittri u l-emails kollha, u ġiet immarkata l-azzjoni li kellha tittieħed fuq kull korrispondenza skont il-lista annessa ma' dawn il-minuti.

3.02 Il-Kunsill qabel li issir talba lill-MT sabiex il-bankina li hemm fi Triq il-Belt Valletta, ma' ġenb il-pelican crossing, issir bl-paving blocks bħal bqija tal-bankina, u mhux inksiet bil-konkos. Il-Kunsillier Grech talab ukoll li dawn jintalbu sabiex id-dropper li hemm fil-bankina, fejn qabel kien hemm il-pelican crossing issa kellu jitneħħa. Barra minn hekk qal ukoll li dawn għandhom jintalbu sabiex jirranġaw it-tarmac minn fejn kienet saret it-trinka.

3.03 Saret diskussjoni dwar l-ilma li kien dieħel mis-saqaf tas-sala tal-komunita` u sar qbil li tinġieb stima sabiex jinbidel il-membrane tas-saqaf tas-sala.

3.04 Il-Kunsillier Demartino talab sabiex il-Kunsill jiddiskuti l-ittra li s-Sindku kien bagħat lill-editur tal-fuljett, is-Sur Ivan Bartolo, fejn dan kien neħħieh mill-kariga ta' editur. I-Kunsillier Grech oġġezzjona għall-fatt li peress li dak li kien qed iressaq is-Sur Demartino ma kienx inkluż fil-lista tal-korrispondenza mressqa ma' l-aġenda u għaldaqstant il-laqgħa għandha titkompla skont l-aġenda. Il-Kunsillier Demartino nsista li din kienet korrispondenza maħruġa mill-Kunsill u kellha tiġi diskussa f' dan il-ħin. Il-Kunsillier wara li qara din l-ittra qal li l-editur kien maħtur mill-Kunsill, dejjem tħallas mill-Kunsill, u għalhekk id-deċiżjoni sabiex dan jitneħħa kellha tkun tal-Kunsill u mhux tas-Sindku, u li għalhekk kien talab diversi drabi biex din l-ittra tiġi rtirata. Wara li s-Sindku irrifjuta li jirtira l-ittra, il-Kunsillier Demartino talab li jittieħed vot dwar jekk l-editur kellux jitneħħa jew le.

3.05 Is-Sindku spjega li waħda mir-raġunijiet li ġegħlitu jibgħat dik l-ittra, kienet li għalkemm huwa, bħala Sindku u Chairperson tal-Bord Editorjali kien informa lis-Sur Bartolo għal divesi drabi sabiex qabel ma dan jibgħat il-fuljett għall-istampar, l-editur kellu juri l-kontenut lis-Sindku. L-editur injora t-talba tas-Sindku u minn rajgħ, waħdu ddeċieda li dan jiġi stampat, u jibgħat 8,000 kopja tal-fuljett direttament lill-posta. Is-Sindku qal ukoll li kien qed iħossu li qed jiġi ntimidat mis-Sur Barolo b'diversi SMSs li bagħat lilu dirett, u kemm b' ċertu dikjarazzjonijiet li għamel fuq il-medja. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku talab lill-pulizija biex jittieħdu l-passi neċessarji, u għaldaqstant qed jissuġġerixxi li għalissa jibqa' kollox kif inhu, (imkeċċi), sakemm jinqatgħu l-każijiet kollha kontra tiegħu mill-pulizija.

3.06 Il-Kunsillier Demartino qajjem point of order fejn baqa' jinsisti li l-korrispondenza li kellu għandha tiġi diskussa dak il-ħin u talab li jittieħed vot. Il-Kunsillier Grech baqa' joġġezzjona għat-talba tas-Sur Demartino għar-raġunijiet kif imsemmija aktar 'il fuq. Għaldaqstant is-Sindku ta ruling tiegħu minħabba l-fatt li din il-laqgħa kienet kontinwazzjoni tal-laqgħa

preċedenti u li l-ewwel kellha tiġi eżawrita l-aġenda kollha qabel ma jitressqu xi items ġodda. Dan l-item seta' jinġieb għall-attenzjoni tal-Kunsill fl-item "Affarijiet Oħra".

3.07 Il-Kunsillier Demartino qal li kien jidher li s-Sindku ma riedx li jittieħed vot dwar dan il-każ u dan kontra r-regolamenti tal-Kunsilli Lokali, u hawnhekk l-istess kunsillier, kif ukoll il-kunsillieri Farruġia, Mifsud, Meilak, Fench Adami u Aġius ħarġu 'l barra mil-laqgħa, u minħabba li ma kienx għad fadal kworum il-laqgħa waqfet.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Noel Cini
Aġent Segretarju Eżekuttiv